MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 791/2009

Viorica **ANGHELENICI**

vs

**UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI**, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Awissu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-Ordni tat-Tneħħija (*Removal Order*) tagħha minn Malta (Numru I0A/19/09) maħruġ fid-19 ta' Mejju, 2009, jikkostitwixxi għamil amministrativ li sar bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll ksur tal-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li l-imsemmi ordni ta' tneħħija ma jiswiex u bla effett fil-liġi; (ċ) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex jieqfu mill-għamil abbużiv tagħhom li jneħħuha minn Malta; (d) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħassru l-Ordni ta' Tneħħija maħruġ kontriha u li jqiegħduha fl-istat *quo ante* l-ħruġ tal-imsemmi Ordni; (e) issib li minħabba l-għamil tal-imħarrkin ġarrbet u qiegħda ġġarrab danni kemm morali u kif ukoll materjali; u (f) tillikwida d-danni li hija ġarrbet u li qiegħda ġġarrab, jekk meħtieġ billi taħtar perit, u billi tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u irriżervat kull azzjoni oħra li jista' jkollha jedd għaliha kontra l-imħarrkin, magħduda dik għad-danni;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Awissu, 2009, li bih tat ordnijiet lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha u kif ukoll li ssir in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf lill-imħarrkin u qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-6 ta' Novembru, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni tal-attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-attriċi kellha u għad għandha rimedju quddiem tribunal (l-*Immigration Appeals Board*) kif jipprovdi l-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tant li l-istess attriċi ressqet appell mill-Ordni ta' Tneħħija quddiem dak il-Bord, liema proċedura għadha pendenti. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu t-talbiet attriċi u li huma b'xi mod imxew ħażin magħha jew li kisru l-liġi je xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tagħha. Warrbu wkoll l-akkuża li huma

ikkawżawlha danni jew li jridu jagħmlu tajjeb għal xi danni li tgħid li qiegħda ġġarrab;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Frar, 2010[1] li fih il-Qorti ordnat li qabel kull ħaġa oħra ssir it-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

Rat ix-xhieda mressqa bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi hija persuna mill-Moldavja u kellha permess li toqgħod f'Malta u li taħdem ukoll. Fid-19 ta' Mejju, 2009[2], inħareġ kontriha Ordni ta' Tneħħija minn Malta taħt l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni[3] għar-raġuni li jingħad li saret immigrant ipprojbit minħabba li nqabdet taħdem illegalment f'Malta. Billi hija tqis li r-raġuni mogħtija ma hijiex minnha u billi minħabba l-mod kif saru l-affarijiet l-imsemmi Ordni nħareġ b'mod abbużiv u bi ksur tal-liġi, hija qiegħda titlob li l-istess Ordni jitħassar għaliex sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 u bi ksur tal-Kapitolu 490. Hija

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Dok "JA2", f'paġ. 26 tal-proċess
[3] Att IX tal-1970 (Kap 217) kif mibdul

trid ukoll tiġbor kumpens għad-danni minħabba dak l-għamil;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-Avukat Ġenerali ma messux tħarrek, għaliex ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni bħal dik mibdija mill-attriċi u wkoll li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex l-attriċi kellha rimedju xieraq għall-ilment tagħha quddiem qorti jew tribunal ieħor taħt il-Kap 217, tant li hija kienet bdiet proċedura ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni u dan għadu ma nqatax. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari msemmija;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attriċi hija ċittadina tar-Repubblika tal-Moldova u sa minn Lulju tal-2008[4] kellha visa maħruġa mill-Ambaxxata ta' malta f'Moska biex tidħol f'Malta. F'xi żmien hija tħalliet ukoll taħdem f'Malta u għandha mpieg fiss ma' kumpannija tat-tindif b'permess li kien jagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju tal-2009. Hija omm ta' żewġt itfal taħt l-eta' li qegħdin f'Malta magħha. Fid-19 ta' Mejju, 2009, kienet arrestata minn stabiliment f'Buġibba u mixlija li kienet qiegħda taħdem mingħajr permess fl-imsemmi stabiliment[5]. Inżammet arrestata għal xi sigħat mill-Pulizija u dak inhar inħareġ l-Ordni tat-Tneħħija tagħha minn Malta billi tqieset bħala immigrant ipprojbit;

Illi minnufih wara dan il-ħruġ, l-attriċi ressqet appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni biex tikkontesta dak l-Ordni u biex tilminta mill-fatt li r-raġunijiet li għalihom inħareġ ma jaqblux mas-sewwa. Hija talbet it-tħassir tal-Ordni u li tinħeles mill-arrest. Mal-appell tagħha jidher li ressqet ukoll talba biex tinħeles mill-arrest taħt garanzija. L-Bord laqa' dik it-talba. F'Lulju tal-2009, hija ressqet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin li biha interpellathom iħassru l-Ordni ta' Tneħħija. Dak inhar l-attriċi b'rikors għarrfet lill-Bord li kienet bdiet proċeduri

[4] Affidavit tagħha f'paġ. 22 tal-proċess
[5] Xhieda tal-Ispettur Jeffrey Azzopardi 25.5.2010, f'paġġ. 54 – 7 tal-proċess

kostituzzjonali u wkoll ta' stħarriġ ġudizzjarju u talbet li l-Bord jissospendi s-smigħ tal-każ tagħha sakemm jintemmu l-imsemmija proċeduri. Dak inhar, fl-14 ta' Lulju, 2009, il-Bord laqa' t-talba tagħha u ħalla l-każ "*sine die*"[6]. L-attriċi, fil-fatt, fetħet din il-kawża fit-12 ta' Awissu, 2009;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami, jibda biex jingħad li din tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha. Ladarba l-provvedimenti ta' dak l-artikolu huma eċċezzjoni jew deroga għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[7];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[8]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

---

[6] Xhieda ta' Dr. Ramon Rossignaud 25.5.2010, f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess

[7] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[8] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

Illi fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-attriċi kienet taf li kellha rimedju li tappella mill-Ordni tat-Tneħħija tagħha. Kemm hu hekk hija nqdiet b'dak ir-rimedju. Fit-talba li ressqet quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, hija talbet sewwasew it-tħassir tal-imsemmi ordni. Dan huwa wieħed mir-rimedji li l-Bord jista' jagħti u l-liġi nnifisha[9] tagħti lil dak il-Bord is-setgħa li jisma' u jaqta' appelli bħal dak[10]. Mhux hekk biss, imma l-liġi nnifisha tagħti jedd ta' appell fuq punti ta' dritt quddiem il-Qorti tal-Appell[11] lil xi parti li l-appell tagħha ma jkunx intlaqa' mill-Bord[12]. Fuq kollox, ħareġ mix-xhieda wkoll[13] li s-setgħa ta' dak il-Bord meta jisma' appell m'hijiex waħda limitata għal stħarriġ ta' formalita', iżda hija setgħa li tisma' l-każ fuq il-mertu u tagħmel dan f'ambjent u parametri li huma "speċjalizżati" għall-kawżi li jitressqu quddiemu;

Illi fil-każ tal-lum, ġara iżda, li qabel ma nbeda l-ġbir tal-provi tal-appell tagħha, l-attriċi talbet lill-Bord jieqaf milli jkompli jisma' l-każ sakemm jintemmu proċeduri li hija qalet li kienet bdiet quddiem il-qrati. Hija semmiet proċedura kostituzzjonali u semmiet ukoll kawża taħt l-artikolu 469A. Sa dak inhar li l-Bord laqa' t-talba tagħha u waqqaf is-smigħ tal-appell tagħha *sine die*, l-attriċi ma kienet għadha bdiet l-ebda kawża quddiem il-qrati, u kien aktar tard dak inhar li ressqet ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin tal-lum;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, u tal-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti s'issa, l-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u jmissha tintlaqa'. Lill-Qorti jirriżultalha li kemm dwar il-kontestazzjoni u kif ukoll dwar il-ksib tar-rimedju mill-għamil li hija qiegħda timpunja, l-attriċi kellha u għad għandha għad-dispożizzjoni tagħha proċedura oħra taħt il-Kapitolu 217 li tista' tirrikorri għaliha. L-eżistenza ta' dik il-kontestazzjoni u ta' dak ir-rimedju jneħħi minn idejn din il-

---

[9] Art. 14(1) tal-Kap 217
[10] Art. 25A(5) tal-Kap 217
[11] Art. 25A(8) tal-Kap 217
[12] Ara App. Ċiv. Inf. **26.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Daham el Hamed vs Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni*** għal tifsira tal-parametri ta' appell taħt dak l-Att
[13] Xhieda ta' Dr. Ramon Rossignaud, f'paġ. 52 tal-proċess

Qorti s-setgħa li tisma’ l-kawża taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

Illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-għaref difensur tal-attriċi seħaq li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ma jista’ qatt jagħti rimedju ta’ stħarriġ ġudizzjarju jew kontra allegazzjoni ta’ ksur ta’ jedd fundamentali. Dan huwa minnu, iżda jrid jingħad li kemm ir-rimedju “kostituzzjonali” jew “konvenzjonali” u kif dak tal-istħarriġ ġudizzjarju huma rimedji li wieħed jgħaddi biex jirrikorri għalihom fejn ma jkunx jista’ jintalab u jingħata rimedju xieraq b’mod ieħor (ħafna drabi msejjaħ “rimedju ordinarju”). Il-kawża li din il-Qorti għandha quddiemha llum m’hijiex rimedju għal xi allegat ksur ta’ xi jedd fundamentali (għalkemm l-attriċi tagħmel aċċenn għal dan f’waħda mill-premessi tar-Rikors Maħluf); x’aktarx li kieku din kienet kawża bħal dik, waħda mill-ewwel eċċezzjonijiet li l-imħarrkin kienu jqajmu kienet sewwasew dik li l-attriċi ma kenitx eżawriet ir-rimedji “ordinarji” li setgħet inqdiet bihom;

Illi minħabba dawn il-konsidrazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin hija mistħoqqa u sejra tilqagħha. L-effett ta’ dan ikun li l-Qorti jkollha tieqaf milli tisma’ aktar din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċidi billi:

**Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni** preliminari tal-imħarrkin u ssib li hija ma tistax tisma’ din il-kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju skond l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan għaliex il-mod ta’ kontestazzjoni u l-ksib tar-rimedju dwar l-għamil li minnu tilminta l-attriċi bil-ħruġ tal-Ordni tat-Tneħħija tagħha minn Malta tipprovdi għalihom liġi oħra quddiem organu ieħor kompetenti; u

**Teħles lill-imħarrkin** milli jibqgħu fil-kawża bi **spejjeż għall-attriċi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------